Frar 2018 — Ħarġa 307



# Ħolqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

# Mhux Kristu biss...

"**Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja**". Mk 8, 34

B'dawn il-kelmiet, Ġesù beda l-mixja tiegħu lejn Ġerusalem, il-belt fejn kellu jmut u jqum mill-imwiet. Dan hu kliem li kien qed jagħti direzzjoni lill-Appostli dakinhar li ntqal. Iżda hu kliem ta' direzzjoni għalina wkoll illum, fil-bidu tar-Randan biex b'moħħna u b'qalbna nidħlu għall-impenn li ninbidlu skont il-qalb t'Alla.

***Jekk xi ħadd irid jiġi warajja...***

Aħna bħala nsara bdejna l-mixja tagħna wara Ġesù meta rċevejna s-sagrament tal-Magħmudija. Permezz tas-Sagramenti li nirċievu matul ħajjitna nkunu mixjin fid-direzzjoni li twassalna għand Ġesù. Iżda l-mixja tagħna wara Ġesù titlob aktar minn hekk. Aħna nafu li ma' Ġesù u ma' ħutna l-bnedmin aħna naqsmu ħafna esperjenzi ta' ferħ u niket, ta' mħabba u mibgħeda, ta' suċċess u falliment, u oħrajn. F'dawn l-esperjenzi nkunu nafu jekk aħniex sodi fil-Fidi tagħna f'Ġesù.

***Jerfa' salibu, u jimxi warajja***

L-Imgħallem tagħna Ġesù hekk iħobb lill-poplu tiegħu billi jerfa' s-salib tiegħu u tagħna u jmut għalina. Tkun nisrani jfisser tkun Kristu ieħor jiġifieri li jkollok "l-istess sentimenti ta' Kristu Ġesù" li "ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" Fil 2, 5.8.

Issa hu ż-żmien it-tajjeb, ir-Randan, li jiftħilna beraħ il-qalb tagħna sabiex inkomplu l-mixja tagħna ma' Ġesù. Ejjew tkun din l-akbar xewqa tagħna l-insara li nkomplu nixbħuH u li bħalu "niċħdu lilna nfusna" billi naħsbu kif jaħseb Alla; billi nifirħu aktar meta nagħtu milli meta nirċievu; billi noffru ħajjitna b'imħabba lil Alla u lil xulxin.

Mhux Kristu biss jerfa' s-salib imma aħna wkoll irridu nerfgħu s-salib ta' ħajjitna. Ejjew inġorruh miegħu għax nafu li hu jġorru magħna u bħas-salib ta' Kristu; is-salib tagħna isir it-triq tal-qawmien mill-mewt. Awguri għal Randan Qaddis fejn inkunu ħbieb tas-sagrifiċċju, tal-karità u tat-talb.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan





Esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna:

# Minn Seminarista għal Djaknu

**Matthew Pulis**

**Nixtieq nibda billi nirringrazzjakom tal-laqgħa kbira li tajtuni fl-ewwel jiem tiegħi magħkom f'din il-parroċċa ta' Wied il-Għajn. Kif forsi tafu, waqt dan iż-żmien magħkom, fit-22 ta' April, flimkien ma' tliet sħabi oħra, ser inkun ordnat djaknu.**



Id-djaknu huwa l-ministru tal-Kelma u s-simbolu ta' Kristu l-Qaddej. Li tkun qaddej tal-Poplu ta' Alla, tirrikjedi li wieħed joħroġ minnu nnifsu u jingħata kompletament lil ta' madwaru. Wara kollox din hi s-sejħa ta' kull Nisrani. Għalhekk id-djaknu għandu jkun ta' tfakkira lil ta' madwaru fis-sejħa li kollha kemm aħna għandna bħala Mgħammdin li s-Saltna ta' Alla tiġi permezz tal-qadi lil xulxin. Huwa hawnhekk fejn il-wiegħda taċ-ċelibat tieħu s-sinifikat tagħha. Id-djaknu jkun qisu qed jiżżewweġ lill-Poplu ta' Alla, lil Knisja, biex fuq spallejh, f'isem Kristu, jerfa' l-piżijiet ta' ħaddieħor u jdewwi permezz tal-Kelma ta' Alla. Ngħid dawn il-kliem inħoss sens ta' ferħ u fl-istess ħin biża'. Għalhekk, nitlobkom ħafna titolbu għalija biex il-Mulej jgħinni f'dan il-ministeru.

U jekk forsi qed tistaqsu; imma dan Matthew min hu? Jiena għandi 33 sena, mill-Parroċċa tal-Iklin. Qabel dħalt is-seminarju, studjajt u ħdimt fl-IT. Għandi passjoni kbira biex insib metodi kif nista' nżewweġ it-teknoloġija u l-pastorali flimkien.











Mulej Ġesù, għinni biex dan iż-żmien tar-Randan ikun tassew żmien ta' grazzja għalija.



## You Knit me in my Mother's Womb

**Dr. Sara Portelli**



In 2014, Jennifer Christie, was raped while travelling on a business trip. She discovered she was pregnant with her rapist's child. Christie lives in the US where she could have had an abortion. Moreover in the past she would have made an exception for life in the case of rape or incest. She now believes that abortion is never the right choice.



"I think the focus needs to be providing [the woman] with physical, emotional and spiritual support in every way. I don't think presenting her with the option to kill her child is support." While many told her that the baby will remind her of the trauma, Jennifer and many other women whom she met and who had their child after rape, speak of how the child has been their own healing bringing them light in the darkness. It is hard to imagine a worse therapy for a woman who has been raped than to add the guilt and turmoil of having her child killed.

Jennifer Christie has also met women who after aborting their child conceived from rape, confessed that the abortion was like a second rape inducing further trauma, and at times even causing infertility and breast cancer.

Human life is sacred because from its beginning, from conception, it involves the creative action of God. It remains forever in a special relationship with the Creator, who is its sole end, irrelevant of the way it is conceived.

Women going through crises pregnancy or who are seeking for hope and healing following an abortion can find help by getting in touch with:

LifeNetwork
Foundation Malta,
Mob: 9944 6174.

Life Network Malta
ENDORSING VALUE TO EVERY LIFE



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Frar 2018

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Ħamis | Wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **2** | **Il-Ġimgħa** | **Il-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora.** Festa li tfakkarna li Ġesù hu d-dawl tal-ħajja tagħna. Qed nistiednu lit-tfal tal-parroċċa tagħna li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena flimkien mal-familja tagħhom għall-quddiesa tas-6.00pm. Kulħadd huwa mistieden iġib miegħu xemgħa bajda. |
| 3 | Is-Sibt | *Pasta Night* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti jinxtraw mill-uffiċċju parrokkjali jew mis-sagristija. |
| **4** | **Il-Ħadd** | **Il-5 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 7 | L-Erbgħa | Festin tal-Karnival organizzat mill-*Mother and Baby Club* fis-Sala Sant'Anna. |
| 8 | Il-Ħamis | Fis-6:30pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom jattendu fiċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Munxar u fis-Sala Sant'Anna. |
| 9 | Il-Ġimgħa | Fil-5:00pm laqgħa ta' Preparazzjoni għall-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **10** | **Is-Sibt** | **Is-Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl Patrun ta' Malta.** Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6.30am, fit-8.00am, fid-9.15am fil-11.30am u 6.00pm. |
| **11** | **Il-Ħadd** | **Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena. Il-Madonna ta' Lourdes u Jum il-Morda.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fis-6:00pm Quddiesa tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes u namministraw is-sagrament tal-Morda lill-anzjani preżenti. |
| **14** | **L-Erbgħa** | **Ras ir-Randan** – Sawm u Astinenza Quddies fil-Knisja Parrokkjali fis-7.00am, fit-7.45am u fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali. Mill-Mużew nimxu għal Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco għall-Knisja. *Nħeġġu lir-residenti ta' dawn it-toroq biex jarmaw dawl minn fejn se jgħaddi l-pellegrinaġġ.* |
| 16 | Il-Ġimgħa | Fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies, fil-bidu tar-Randan Imqaddes fit-8.00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara tibda mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Mal-wasla fis-Santwarju, ssir ċelebrazzjoni Marjana. |
| **18** | **Il-Ħadd** | **L-1 Ħadd tar-Randan.** |
| 19-23 | | **Fit-8.30am Eżerċizzi għal kulħadd immexxija minn Dun Franklin Vella.** |
| **25** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tar-Randan. Il-Festa tal-Beata Maria Adeodata Pisani OSB.** Fit-3:00pm *Afternoon tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 26 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6.00pm. |

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b' mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**